MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 137/2013

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fid-19 ta' Settembru, tas-sena elf disa' mija u disghin (1990) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dokument A ;

Illi l-partijiet ghandhom tifel wiehed ta' dsatax-il sena, li jirrisjedi principalment mar-rikorrenti ;

Illi l-partijiet huma legalment separati u dan permezz ta' kuntratt datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju, tas-sena

elfejn u hamsa (2005), ippublikat min-Nutar Dottor Marco Burlo, anness u mmarkat bhala Dokument ‘B’ ;

Illi l-partijiet ilhom il-fuq minn seba (7) snin ma jghixux flimkien ;

Illi m’hemm l-ebda prospet ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn seba (7) snin ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;

Illi ai termini tal-artikolu erbgha (4) tal-imsemmi kuntratt il-partijiet irrinunzjaw irrevokabbilment ghal kwalunkwe manteniment minghand il-parti l-ohra ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti, m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall ta’ zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Marzu, 2013;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat in-nota tal-intimat fejn iddikjara li ma jopponix ghat-talba kif dedotta;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi peress illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Mejju 2005 u ilhom 'il fuq minn seba' (7) snin ma jghixu flimkien;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi l-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni irrinunzjaw irrevokabbilment ghal kwalunkwe manteniment minghand il-parti l-ohra u iben il-partijiet ghandu dsatax-il sena u jirrisjedi principalment mar-rikorrenti u ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------